

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 103

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

11 ta' April 2012

Avviż Nru

Werrej

Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 103/01	Rata tal-kambju tal-euro	1
2012/C 103/02	Rata tal-kambju tal-euro	2
2012/C 103/03	Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni	3
2012/C 103/04	Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni	4

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 103/05	MEDIA 2007 – Żvilupp, distribuzzjoni, promozzjoni u taħriġ – Sejħa Għall-proposti – EACEA/8/12 – Sostenn għad-distribuzzjoni transnazzjonali tal-Films Ewropej – L-“Iskema tal-Aġent tal-Bejgħ” 2012	5
---------------	--	---

MT

Prezz:
EUR 3

(Ikompri fil-paġna li jmiss)

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 103/06

Notifika ta' bidu ta' revizzjoni interim parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' etanolamini li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika 8



IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Il-5 ta' April 2012

(2012/C 103/01)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3068	AUD	Dollaru Awstraljan	1,271
JPY	Yen Ġappuniż	107,06	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3042
DKK	Krona Daniża	7,4397	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,1478
GBP	Lira Sterlina	0,8242	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6026
SEK	Krona Żvediża	8,8134	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6476
CHF	Frank Żvizzeru	1,2025	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 479,25
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	10,2687
NOK	Krona Norveġiża	7,5692	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,2398
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,482
CZK	Krona Ċeka	24,704	IDR	Rupiah Indoneżjan	11 945,92
HUF	Forint Ungeriż	295,95	MYR	Ringgit Malajjan	4,0106
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	55,897
LVL	Lats Latvjan	0,6995	RUB	Rouble Russu	38,66
PLN	Zloty Pollakk	4,1707	THB	Baht Tajlandiż	40,511
RON	Leu Rumun	4,3728	BRL	Real Brażiljan	2,3942
TRY	Lira Turka	2,3468	MXN	Peso Messikan	16,8244
			INR	Rupi Indjan	66,875

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾**L-10 ta' April 2012**

(2012/C 103/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3114	AUD	Dollaru Awstraljan	1,2741
JPY	Yen Ġappuniż	106,48	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3092
DKK	Krona Daniża	7,4395	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,1834
GBP	Lira Sterlina	0,82690	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6043
SEK	Krona Żvediża	8,8730	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6532
CHF	Frank Żvizzeru	1,2027	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 495,43
ISK	Krona Iżlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	10,4085
NOK	Krona Norveġiża	7,5815	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,2760
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,4738
CZK	Krona Ċeka	24,795	IDR	Rupiah Indoneżjan	12 014,32
HUF	Forint Ungeriż	295,75	MYR	Ringgit Malażjan	4,0331
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	56,187
LVL	Lats Latvjan	0,6993	RUB	Rouble Russu	38,8980
PLN	Zloty Pollakk	4,1706	THB	Baht Tajlandiż	40,588
RON	Leu Rumun	4,3707	BRL	Real Brażiljan	2,3836
TRY	Lira Turka	2,3624	MXN	Peso Messikan	17,0680
			INR	Rupi Indjan	67,5040

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2012/C 103/03)



Wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida kommemorattiva taż-EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Franza

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinj tal-muniti ġodda kollha bil-ħsieb li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li laħqu ftehim monetarju mal-Komunità għall-ħruġ ta' muniti tal-euro, għandhom il-permess joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro, intenzjonati għaċ-ċirkolazzjoni, sakemm jiġu rrispettati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li tintuża biss id-denominazzjoni taż-EUR 2. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun simboliku ħafna ftermini nazzjonali jew Ewropej.

Pajjiż tal-ħruġ: Franza

Suġġett tal-kommemorazzjoni: il-100 anniversarju mit-twelid tal-Abbé Pierre, magħruf fi Franza bħala l-protettur tal-Fqar.

Deskrizzjoni tad-disinn:

Fuq il-munita hemm xbiha tal-Abbé Pierre, bil-béret tiegħu, u l-logo tal-fondazzjoni tiegħu, b'mikrotest li jsemmi "Et les autres?", li kien il-motto favorit tiegħu, u li bih kien ifakkar li wieħed qatt ma għandu jinsa' jgħin lill-proxxmu. L-ittri "RF" jidhru f'"République française" flimkien mal-qarn tal-ġid, il-marka taz-zekka ta' Monnaie de Paris fuq in-naħa tax-xellug, u fuq in-naħa tal-lemin il-"fleurette", l-ogħla kwalità ta' xogħol tal-inċiżjoni.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Għadd ta' muniti li se jinħarġu: Miljun (1)

Data tal-ħruġ: Lulju 2012

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14 1 2009, p. 52).

Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2012/C 103/04)



Wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida commemorattiva ta' EUR 2 maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn San Marino.

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti ġodda kollha bil-ħsieb li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li laħqu ftehim monetarju mal-Komunità li jipprovdi għall-ħruġ ta' muniti tal-euro, għandhom il-permess joħorġu muniti tal-euro commemorattivi intenzjonati għaċ-ċirkolazzjoni, sakemm jiġu rrispettati ċerti kundizzjonijiet, partikolarment li tintuża biss id-denominazzjoni taż-EUR 2. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn commemorattiv li jkun simboliku ħafna ftermini nazzjonali jew Ewropej.

Pajjiż tal-ħruġ: San Marino

Suġġett tal-kommemorazzjoni: Għaxar snin tal-munita euro

Deskrizzjoni tad-disinn:

Is-sinjali tal-euro fiċ-ċentru tal-munita juri li l-Euro sar element ta' importanza partikolari fl-Ewropa kif ukoll fid-dinja kollha hekk kif il-munita euro żviluppat u saret attur globali fis-sistema monetarja internazzjonali fl-aħħar għaxar snin. L-elementi ta' disinn madwar is-simbolu tal-Euro fuq il-munita jesprimu l-importanza tal-Euro għaċ-ċittadini, għad-dinja finanzjarja (it-torri tal-BĊE), għall-kummerċ (bastimenti), għall-industrija (fabbriki), għas-settur tal-enerġija u r-riċerka u l-iżvilupp (power stations li jaħdmu bir-riħ). L-inizjali AH tal-artist jidhru taħt l-imaġini tat-torri tal-BĊE. Fin-naħa ta' fuq jidher l-isem il-pajjiż tal-ħruġ "SAN MARINO", u l-marka taz-zekka tidher fuq in-naħa tal-lemin filwaqt li l-indikazzjoni 2002-2012 tidher fin-naħa t'isfel tal-munita.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Għadd ta' muniti li ser jinħarġu: 130 000

Data tal-ħruġ: Mejju 2012

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14 1 2009, p. 52).

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

MEDIA 2007 – ŻVILUPP, DISTRIBUZZJONI, PROMOZZJONI U TAĦRIĠ

Sejħa Għall-proposti – EACEA/8/12

Sostenn għad-distribuzzjoni transnazzjonali tal-Films Ewropej – L-“Iskema tal-Aġent tal-Bejgħ” 2012

(2012/C 103/05)

1. Obiettivi u deskrizzjoni

Dan l-avviż ta' sejħa għall-proposti huwa bbażat fuq id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) ⁽¹⁾.

Wieħed mill-obiettivi tal-programm huwa li tiġi inkoraġġita u sostnuta d-distribuzzjoni transnazzjonali usa' tal-films Ewropej reċenti permezz ta' fondi lid-distributori, abbażi tal-prestazzjoni tagħhom fis-suq, għal investiment ulterjuri f'films ġodda Ewropej li mhumiex nazzjonali.

L-iskema timmira wkoll li tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' rabtiet bejn l-oqsma tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni b'hekk jittejjeb is-sehem tas-swieq tal-films Ewropej u l-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej.

2. Applikanti eliġibbli

Dan l-avviż huwa intiż għal kwalunkwe kumpanija Ewropea li tagħmilha ta' aġent intermedjarju għall-produttur, li jispeċjalizza fl-esplojtazzjoni kummerċjali ta' film permezz tal-markiting u l-liċenzjar ta' film lil distributori jew xerrejja oħra minn pajjiżi barranin u li l-attivitajiet tiegħu jikkontribwixxu għall-kisba tal-imsemmija għanijiet tal-programm MEDIA kif imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-applikanti għandhom ikunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

- is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea
- il-pajjiżi taż-ŻEE
- L-Isvizzera
- Il-Kroazja
- Il-Bożnja u l-Herżegovina (skont il-kondizzjoni tal-finalizzazzjoni tal-proċess ta' negozjati u l-formalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' dan il-pajjiż fil-programm MEDIA)

3. Azzjonijiet eliġibbli

L-iskema ta' sostenn “Aġent tal-Bejgħ” taħdem f'żewġ fażijiet:

- Il-ġenerazzjoni ta' Fond potenzjali, li jkun ikkalkolat skont il-prestazzjoni tal-kumpanija fis-suq Ewropew matul il-perjodu ta' referenza (2007-2011).

⁽¹⁾ ĠU L 327, 24.11.2006, p. 12.

— Investiment mill-ġdid tal-Fond potenzjali: għaldaqstant, iġġenerat minn kull kumpanija, il-Fond irid jiġi investit mill-ġdid f'2 moduli (2 tipi ta' azzjoni) sal-1 ta' Marzu 2014:

- (1) garanziji minimi jew avvanzi mħallsin għad-drittijiet ta' bejgħ internazzjonali dwar films ġodda mhux Ewropej;
- (2) u/jew fil-promozzjoni, it-tqegħid fis-suq u r-reklamar fis-suq ta' films ġodda Ewropej li mhumiex nazzjonali.

Sabiex il-film ikun eliġibbli l-ewwel jeddijiet miżmuma ma jkunux iridu ġew imwaqfa qabel l-2007.

It-tul massimu tal-azzjonijiet huwa 18-il xahar mid-data tal-firma tal-kuntratt ta' bejgħ internazzjonali.

L-azzjonijiet ta' investiment mill-ġdid tal-fond potenzjali ġġenerati b'din is-Sejħa jeħtieġ li jirrispettaw id-dati ta' skadenza li ġejjin:

Il-kuntratt/ftehim internazzjonali ta' bejgħ mal-produttur jista' jiġi ffirmat mhux qabel it-18 ta' Ġunju 2012.

L-applikazzjonijiet ta' investiment mill-ġdid iridu jiġu sottomessi lill-Aġenzija fi żmien 6 xhur mill-firma tal-kuntratt/ftehim internazzjonali ta' bejgħ mal-produttur u mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2014 (it-timbru tal-posta jittieħed bħala prova ta' meta tkun intbagħtet il-posta).

4. Kriterji għall-għoti

Ser jiġi attribwit Fond potenzjali għall-kumpaniji ta' Aġenti tal-Bejgħ Ewropej eliġibbli abbażi tal-prestazzjonijiet tagħhom fis-swieq Ewropej (jiġifieri l-pajjiżi li jipparteċipaw fil-Programm MEDIA). Is-sostenn ser jieħu l-forma ta' Fond potenzjali (il-"Fond") li ser ikun disponibbli għall-Aġenti tal-Bejgħ għal aktar investimenti f'films reċenti Ewropej li mhumiex nazzjonali.

Jekk is-somma ġġenerata taqbeż EUR il-1,5 M f'din is-sejha, kull fond potenzjali jiġi mnaqqas b'mod proporzjonali.

Il-Fond jista' jiġi investit mill-ġdid:

- (1) Fil-laqgħa tal-Garanziji tal-Bejgħ Minimi jew avvanzi mħallsin għad-drittijiet ta' bejgħ internazzjonali dwar films ġodda Ewropej li mhumiex nazzjonali;
- (2) Fil-laqgħa tal-ispejjeż ta' promozzjoni, it-tqegħid fis-suq u r-reklamar għal films ġodda Ewropej li mhumiex nazzjonali.

5. Baġit

Il-baġit totali disponibbli huwa EUR 1,5 M.

Id-disponibbiltà tal-fondi għall-Proġetti ta' Investiment mill-Ġdid illi waslu fl-2013 u fl-2014 huma soġġetti għall-adozzjoni mill-baġits tal-Unjoni Ewropea għal dawn is-snin mill-awtorità baġitarja. Dawk il-proġetti li waslu lejn tmien l-2013 u fl-2014 huma soġġetti ukoll għall-adozzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-proposta tal-Kummissjoni għall-Programm Ewropa Kreattiva (2014-2020) u għall-approvazzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2014.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija hija sussidju. Is-sostenn finanzjarju mill-Kummissjoni ma jistax ikun aktar minn 50 % tal-ispejjeż totali eliġibbli. M'hemmx ammont massimu.

L-Aġenzija ttriserwa d-dritt li ma tallokax il-fondi kollha disponibbli.

6. Skadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet

Il-proposti għall-"ġenerazzjoni" ta' Fond potenzjali jridu jintbagħtu (bid-data tat-timbru) sa mhux aktar tard mit-18 ta' Ġunju 2012 f'dan l-indirizz:

Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)
Constantin DASKALAKIS
BOUR 3/66
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1
1140 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Jiġu aċċettati biss applikazzjonijiet sottomessi fuq il-formola ta' applikazzjoni uffiċjali, iffirmata mill-persuna intitolata li tidħol fi ftehim legalment vinkolanti fisem l-organizzazzjoni li qed tapplika. L-inviloppi jridu juru biċ-ċar:

MEDIA 2007 – Distribuzzjoni EACEA/8/12 – Skema Għall-aġenti tal-Bejgħ internazzjonali

Applikazzjonijiet mibgħuta b'fax jew email ser jiġu rifjutati.

7. Dettalji kollha

Il-linji gwida dettaljati flimkien mal-formoli tal-applikazzjoni, jistgħu jiġu kkonsultati fl-indirizz Internet li ġej:

http://ec.europa.eu/culture/media/programme/distrib/schemes/sales/index_en.htm

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati fuq il-formoli pprovduti u jkun fihom l-informazzjoni u l-annessi kollha mitlubin.

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika ta' bidu ta' revizzjoni interim parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' etanolamini li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika

(2012/C 103/06)

Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") rċeviet talba għal revizzjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku").

1. Talba għal revizzjoni

It-talba għal revizzjoni tressqet minn The Dow Chemical Company ("l-applikant"), produttur esportatur mill-Istati Uniti tal-Amerika ("il-pajjiż ikkonċernat").

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-revizzjoni huwa limitat għall-eżami tad-dumping safejn għandu x'jaqsam l-applikant.

2. Prodott li qed jiġi rivedut

Il-prodott li qed jiġi rivedut huwa etanolamini, li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika, li attwalment huma kklassifikati fil-kodiċijiet NM ex 2922 11 00, ex 2922 12 00 u 2922 13 10, ("il-prodott li qed jiġi rivedut").

3. Miżura eżistenti

Il-miżura li hemm bħalissa fis-seħħ hija dazju definittiv ta' anti-dumping impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 54/2010 ⁽²⁾.

Fil-21 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni ppubblikat notifika ta' bidu ta' revizzjoni ta' skadenza tad-dazju anti-dumping li japplika għall-importazzjonijiet ta' etanolamini li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika ⁽³⁾. Sakemm ma tkunx għadha lesta l-investigazzjoni dwar ir-revizzjoni ta' skadenza, il-miżura tibqa' fis-seħħ.

4. Raġunijiet għar-revizzjoni

It-talba skont l-Artikolu 11(3) hija bbażata fuq evidenza *prima facie*, ippreżentata mill-applikant, li turi li, safejn għandu x'jaqsam l-applikant, u, safejn għandu x'jaqsam id-dumping, iċ-

ċirkustanzi li fuqhom ġiet imposta l-miżura eżistenti nbidlu u li dawn il-bidliet huma ta' natura dejjiema.

L-applikant jallega li ċ-ċirkostanzi nbidlu mill-aħħar perjodu ta' investigazzjoni u li huma ta' natura dejjiema, billi għandhom x'jaqsmu ma' żieda tal-prezzijiet tal-esportazzjoni tiegħu li l-applikant iżomm b'mod konsistenti fuq perjodu twil ta' żmien.

L-applikant ipprova evidenza *prima facie* li turi li l-impożizzjoni kontinwa tal-miżura fil-livell attwali tagħha ma għadhiex meħtieġa biex tikkumbatti d-dumping li jikkawża ħsara. B'mod partikolari, l-applikant jallega l-aktar żieda fit-tul tal-prezzijiet tal-esportazzjoni tiegħu. Tqabbil tal-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-applikant lejn l-Unjoni ma' valur normali stabblit fuq il-bażi tal-prezzijiet imħallsa jew li għandhom jitħallsu fis-suq domestiku tagħha jindika li l-marġni tad-dumping jidher li huwa aktar baxx mil-livell attwali tal-miżura.

Għalhekk, l-applikant jallega li l-impożizzjoni kontinwa tal-miżura fil-livell eżistenti, li kienet ibbażata fuq il-livell ta' ħsara stabblit qabel, tidher li ma għadhiex meħtieġa biex tpatti għad-dumping kif stabblit qabel.

5. Proċedura

Wara li, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, ġie ddeterminat li teżisti biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu ta' revizzjoni interim parzjali, il-Kummissjoni qiegħda b'dan tibda revizzjoni b'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

L-investigazzjoni se tivvaluta l-bżonn għat-tkomplija, it-tneħħija jew l-emendar tal-miżuri eżistenti fir-rigward tal-applikant fid-dawl tal-prezzijiet tal-esportazzjoni miżjuda tal-applikant.

5.1. Investigazzjoni tal-produtturi esportaturi

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis bħala meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-applikant, bħala produttur esportatur. Din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ ĠU L 17, 22.1.2010, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 18, 21.1.2012, p. 16.

5.2. *Sottomissjonijiet oħra bil-miktub*

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din in-notifika, il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna juru fehmiethom, iressqu l-informazzjoni u jipprovdu l-evidenza ta' sostenn. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

5.3. *Possibbiltà ta' smiġ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni*

Il-partijiet interessati kollha jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kwalunkwe talba għal smiġ għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. Għal seduti ta' smiġ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-istadju inizjali tal-investigazzjoni ta' revizzjoni, it-talba għandha titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Minn hemm 'il quddiem, talba għal smiġ għandha titressaq sad-dati speċifiċi ta' skadenza stabbiliti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjonijiet tagħha mal-partijiet.

5.4. *Istruzzjonijiet għas-sottomissjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza*

Is-sottomissjonijiet kollha, inkluża l-informazzjoni mitluba f'din in-notifika, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza mogħtija mill-partijiet interessati li għaliha qed jintalab trattament kunfidenzjali għandhom ikunu mmarkati "Ristretti (1)".

Il-partijiet interessati li qed jagħtu informazzjoni "Ristretta" għandhom jipprovdu taqsiriet mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li għandhom ikunu mmarkati "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati". Dawn it-taqsiriet għandhom ikunu dettaljati biżżejjed biex jippermettu fehim raġonevoli tas-sustanza tal-informazzjoni mressqa b'mod kunfidenzjali. Jekk parti interessata li tipprovi informazzjoni kunfidenzjali ma tipprovidi taqsira mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u l-kwalità mitluba, tali informazzjoni kunfidenzjali tista' jiġi injorata.

Il-partijiet interessati għandhom jagħmlu s-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha f'għamla elettronika (is-sottomissjonijiet mhux kunfidenzjali permezz tal-email, dawk kunfidenzjali fuq CD-R/DVD), u għandhom jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz tal-email, in-numri tat-telefown u tal-faks tal-parti interessata. Madankollu, kull Prokura, ċertifikkazzjonijiet iffirmati, u kull aġġornament tagħhom, li jakkumpanjaw it-tweġibiet tal-kwestjonarju għandhom jiġu sottomessi f'għamla ta' dokument, jiġifieri bil-posta jew bl-idejn, fl-indirizz ta' hawn taħt. Jekk xi parti

interessata ma tkunx tista' tagħti s-sottomissjonijiet u t-talbiet tagħha f'għamla elettronika, din għandha tgħarraf minnufih lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku. Għal aktar informazzjoni dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġna tal-web rilevanti fil-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: <http://ec.europa.eu/trade/tackling-unfair-trade/trade-defence>

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: N105 04/092
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Fax +32 22998104

Posta elettronika: trade-ethanolamine-interim@ec.europa.eu

6. *Nuqqas ta' kooperazzjoni*

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess jew ma tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa fil-limiti ta' skadenza stipulati, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, is-sejbiet, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Fejn jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment u s-sejbiet ikunu għalhekk ibbażati fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

7. *Uffiċjal tas-Seduta*

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ. L-Uffiċjal tas-Seduta jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrevedi t-talbiet għal aċċess għall-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-iskadenzi u t-talbiet għal smiġ minn terzi persuni. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduta ta' smiġ ma' parti interessata individwali u jagħmilha ta' medjatur biex jiżgura li d-drittijiet għad-difiża tal-partijiet interessati jkun qegħdin jitħaddmu b'mod sħiħ.

Talba għal seduta ta' smiġ mal-Uffiċjal tas-Seduta għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika r-raġunijiet li għalihom tkun qiegħda ssir. Għal seduti ta' smiġ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-istadju inizjali tal-investigazzjoni ta' revizzjoni, it-talba

(1) Dokument "Ristrett" huwa dokument li huwa kkunsidrat kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim Anti-Dumping). Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

għandha titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Minn hemm 'il quddiem, talba għal smiġh għandha titressaq sad-dati speċifiċi ta' skadenza stabbiliti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjonijiet tagħha mal-partijiet.

L-Uffiċjal tas-Seduta jipprova wkoll l-oportunitajiet biex issir seduta ta' smiġh li tinvolvi l-partijiet u tippermetti li jiġu ppreżentati fehmiet differenti u li jitressqu argumenti kuntrarji dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw, fost l-oħrajn, id-dumping.

Għal aktar informazzjoni u dettalji tal-kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/tackling-unfair-trade/hearing-officer/index_en.htm

8. Skeda tal-investigazzjoni ta' reviżjoni

L-investigazzjoni ta' reviżjoni se tkun konklużiva, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament bażiku fi żmien 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

9. Ipproċessar tad-dejta personali

Kull dejta personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni ta' reviżjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

